23 ta' Frar, 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Maggur Hannibal A. Scicluna M.B.E. ne.,

*versus*

Avukat Dottor Edgar Grima et, ne.

**Pussess — Buona Fede — Trasferiment ta' Karozza — Skrittura — Boll — Rivendikazzjoni — Bejgħ bil-patt tar-"riservato dominio" — Art. 569, 596 u 359 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm il-pussess in buona fede ta' oġġett mobbli jekwivali għal titolu, però, din ir-regola ma tapplikax fil-każ ta' trasferiment ta' vettura bil-mutur mingħajr skrittura.*

*In-nuqqas ta' skrittura tiddestruġġi l-presunzjoni tal-buona fede fl-akwirent għaliex hi massima fondamentali li kull persuna hija presunta li taf il-liġi.*

Il-Qorti rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi bl-iskrittura tal-24 ta' Ġunju, 1960, hu biegħ lill-konvenut Joseph Mifsud il-"motor-cycle Super Flash B.S.A." numru 14984 bil-prezz u bil-kondizzjonijiet indikati f'dik l-iskrittura, fosthom illi l-istess "motor-cycle" kellu jibqa' ta' proprjetà ta' l-istess attur "nomine" sakemm ix-xerrej ma jkunx ħallas l-prezz kollu u li x-xerrej kellu jiddekadi middritt ta' pussess u użu jekk jibqa' morus fil-ħlas ta' żewġ skadenzi kambjarji — u li in segwitu għall-imsemija skrittura l-attur innotika l-imsemmi ftehim lill-konvenut De Gray nomine u avżah li l-konvenut Mifsud kien biss il-possesur (user) tal-imsemmi "motor-cycle" mentri li l-proprjetà tiegħu kienet għadha ta' l-attur "nomine" u għalhekk il-liċenzja relativa ma

setatx tiġi trasferita qabel ma jiġi ottenut il-kunsens ta' l-attur "nomine", proprjetarju, — u li l-istess "motor-cycle" jinsab issa fil-pussess tal-konvenuti Anthony Borg u Carmelo Deguara li ma jistgħux jivvantaw fuqu ebda dritt billi l-konvenut Mifsud baqa' ma ħallasx il-prezz per saldu, u għalhekk, oltre li kull dritt ta' proprjetà fuq dak il-veikolu jispetta biss lill-attur "nomine", l-istess konvenut Mifsud iddekada middritt ta' użu u pussess kif ġie espressament stipulat, — u li l-konvenuti De Gray, "nomine", Borg u Deguara, imsejħin bl-ittri uffiċjali tal-15 ta' Marzu, 1961, u tal-21 ta' Marzu, 1961, baqgħu jirrifjutaw jirrikonoxxu d-drittijiet ta' l-attur "nomine" fuq l-istess "motor-cycle", talab — prevja d-dikjarazzjonijiet:—

(1) li, minħabba l-inadempjenza tal-konvenut Mifsud kif espressament kontemplata fl-imsemmija skrittura tal-24 ta' Ġunju, 1960, l-istess konvenut Mifsud iddekada minn kull dritt ta' pussess u ta' użu fuq l-imsemmi "motor-cycle, Super Flash, B.S.A.", numru tal-liċenzja 14984, u

(2) li l-proprjetà ta' l-istess veikolu kienet u baqgħet dejjem ta' l-attur "nomine" billi sal-lum il-konvenut Mifsud ma ħallsax il-prezz miftiehem fil-mument tal-bejgħ;

illi:—

(1) il-konvenuti Borg u Deguara jiġu kkundannati jikkunsenjawlu l-imsemmi "motor-cycle" li huma qegħdin jiddetjenu mingħajr ebda titolu, u

(2) li l-konvenut De Gray "nomine" jiġi kkundannat jagħmel dak kollu li hu neċessarju biex mill-liċenzja relattiva għall-istess "motor-cycle" titħassar kull riferenza li tista' tkun teżisti għall-konvenut Joseph Mifsud u biex l-istess "motor-cycle" jiġi reġistrat f'isem l-attur "nomine" li huwa l-uniku

proprjetarju tiegħu ad esklużjoni ta' inġerenza da parti ta' kull persuna oħra — salvo kull azzjoni oħra — bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittri uffiċjali fuq indikati u tal-mandat tas-sekwestru kawtelatorju tat-18 ta' Marzu, 1961;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

OMISSIS;

Illi l-kontestazzjonijiet fil-meritu kontra dawn it-talbiet min-naħa ta' l-erba' konvenuti huma kif sejjer jissemma:—

a) min-naħa tal-konvenut Mifsud (fol: 20) li huwa ma kkontraveniex għall-iskrittura tal-24 ta' Ġunju, 1960, kif ippretenda li sejjer jipprova fit-trattazzjoni.

b) min-naħa tal-konvenuti Borg u Deguara (Noti fol: 7 u 80-82:

i) li huma akkwistaw il-"motor-cycle" mingħand il-konvenut Mifsud bħala l-persuna li verosimilment kien il-proprjetarju tiegħu, u li għalhekk l-akkwist tagħhom, għalkemm sar bla skrittura, kien in buona fede;

ii) li n-nuqqas ta' l-iskrittura bejnhom u l-konvenut Mifsud ma jolqotx il-proprejtà; għax il-pussess tal-mobbli in buona fede jiswa daqs it-titolu u dik il-buona fede hija presunta sakemm l-attur ma jippruvax il-kuntrarju;

iii) li d-domandi għad-dikjarazzjonijiet speċjali premessi għat-talba għal kundanna tagħhom għar-restituzzjoni tal-mutur huma ħaġa li tirrigwarda biss ir-relazzjonijiet bejn l-attur u Mifsud, u fi kwalunkwe każ huma m'għandhomx ibatu

l-ispejjeż relativi għal dawk id-dikjarazzjonijiet, salvo li l-attur jirripetihom mingħand Mifsud;

iv) li, anki kieku kellhom jiġu ordnati jirrestitwixxu l-"motor-cycle" *lill-attur* "*nomine*", *huma, bħala akwerjenti u* possessuri in buona fede għandhom jiġu indennizzati mill-attur tas-£60 più il-valur tal-mutur li huma taw lil Mifsud bħala korrispettiv.

c) *min-naħa tal-konvenut* De Gray "nomine":—

i) li fil-meritu huwa jirimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti u huwa lest biex idawwar il-liċenzja favur il-persuna li tiġi indikata fis-sentenza tal-Qorti sakemm din il-persuna tottempera ruħha mar-regolament numru 25 tar-Regolamenti *dwar il-Vetturi tal-Mutur;*

ii) li fi kwalunkwe każ m'għandux ibati spejjeż.

Illi l-aħjar metodu għad-definizzjoni ta' din il-kontroversja, *stante l-pożizzjonijiet differenti li ħadu* r-rispettivi konvenuti, pożizzjonijiet li għalkemm ben delineati għal kull wieħed minnhom, kultant jippenetraw il-kamp ta' xulxin, b'mod li tista' tinħoloq konfusjoni jekk ma jiġix segwit ċertu ordni loġiku, huwa li l-Qorti tikkonsidra dawn il-kontestazzjonijiet waħda wara l-oħra fl-ordni fuq imsemmi. Huwa mill-ewwel *ċar li l-aktar importanti huma dawk tal-konvenuti Borg u De*guara, però, l-ewwel tinħtieġ deċiżjoni fuq il-kontestazzjonijiet tal-konvenut Mifsud għax huwa evidenti li jekk huwa veru dak li jallega fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, ċjoè li huwa qatt ma kkontravjena l-iskrittura tal-24 ta' Ġunju, 1960, bejnu u *l-attur, allura anke jekk it-trasferiment li in segwitu* Mifsud għamel lill-konvenuti Borg u Deguara kien difettuż fil-forma, l-attur ma jistax jitlob, kif qiegħed jitlob permezz tat-tieni domanda, li l-konvenut De Gray jiġi kkundannat jerġa

jdawwar il-liċenzja favur tiegħu u lanqas ma għandu interess jitlob li l-konvenuti Borg u Deguara jiġu kkundannati jirrestitwixxu.

Illi kwantu għal dina l-eċċezzjoni tal-konvenut Mifsud l-attur għalkemm ma sejjaħx provi fir-rigward, kien intitolat jistrieħ fuq id-dikjarazzjoni a fol: 20 tergo (fuq imsemmija) ta' l-istess konvenut li hija in kontradizzjoni lampanti mannota ta' l-eċċezzjonijiet ta' dan il-konvenut in kwantu huwa fiha jammetti li bejn l-1 ta' Frar u l-25 ta' Mejju, 1961, hu ma ħallasx ir-rati mensili minnu dovuti u dan hu ovvjament biżżejjed biex jiġġustifika l-azzjoni ta' l-attur in kwantu hija diretta biex il-konvenut Mifsud jiġi dikjarat dekadut mid-dritt għall-possess u użu tal-"motor-cycle". Hija ugwalment ġustifikata, fuq l-istess bażi, d-domanda l-oħra ta' l-attur, almenu fil-konfront mat-titolu tal-konvenut Mifsud, li jiġi dikjarat li l-mutur baqa' dejjem proprjetà ta' l-attur. L-oneru tal-prova tal-pagament in saldu tal-prezz jinkombi lill-konvenut Mifsud u hu ma sejjaħ ebda prova fir-rigward, anzi, kif intqal, ammetta li sal-25 ta' Mejju, 1961, kien ġa moruż f'iżjed minn żewġ skadenzi, u ma ġieb ebda prova biex juri li hu in segwitu poġġa ruħu in regola ma' l-attur f'dan ir-rigward.

Illi però jista' jiġi objettat li in vista tal-pretenżjoni tal-konvenuti Borg u Deguara li huma akkwistaw dan l-oġġett mobbli in buona fede, it-tieni dikjarazzjoni, dik, ċjoè, li l-"motor-cycle" baqa' ta' proprjetà ta' l-attur m'għandiex tingħata qabel ma jiġi wkoll deċiż jekk l-akkwist tal-konvenuti Borg u Deguara kienx in buona fede jew le, għaliex il-pussess in buona fede ta' oġġett mobbli per natura, bħal ma hu l-"motorcycle" in kwistjoni, jekwivali għal titolu, u f'dak il-każ il-proprjetà tkun għaddiet għand il-konvenuti Borg u Deguara, u l-eżistenza fihom ta' dan it-titolu, ta' din il-proprjetà, tkun ta' ostakolu għal dik id-domanda, domanda li, kif qabel l-istess attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, hija neċessarja-

ment preordinata għad-domandi ulterjuri għall-kundanna għar-restituzzjoni u reġistrazzjoni.

Illi għalhekk il-Qorti taqbel li biex tiġi pronunzjata t-tieni dikjarazzjoni mitluba mill-attur hemm bżonn li jiġi deċiż mhux biss jekk il-konvenut Mifsud ħallasx il-prezz kollu imma wkoll, u indipendentement minn dik iċ-ċirkostanza, jekk il-konvenuti Borg u Deguara akkwistawx il-"motor-cycle" mingħand Mifsud in buona fede, u din infatti hija l-vera qofol tal-kwistjoni. L-attur, għalhekk, fil-konfront ta' Mifsud, li dan qatt ma akkwista t-titolu għall-proprjetà tal-mutur medjanti l-pagament totali tal-prezz, ikun għad jonqos juri li l-konvenuti Borg u Deguara ma akkwistawhx in buona fede, għax bejn il-bejgħ lil Mifsud u l-preżentazzjoni taċ-ċitazzjoni, intervjena fattur ġdid, ċjoè, il-fatt tal-pussess tal-konvenuti Borg u Deguara; u jekk ma jasalx fil-prova li l-pussess tagħhom huwa pussess in mala fede, l-azzjoni tiegħu taqa' fil-konfront ta' dawn iż-żewġ konvenuti.

Illi d-difensur ta' dawn il-konvenuti, in sostenn għat-teżi tiegħu, għamel riferenza għas-sentenza importanti mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Carmelo Petroni proprio et nomine vs. Joseph Fenech** fis-27 ta' Frar, 1959; il-Qorti hija obbligata lejn Dr. De Giorgio għal din ir-riferenza utili u awtorevoli li tiswa ħafna biex ikunu jistgħu jiġu immedjatament enunċjati tliet propożizzjonijiet ta' liġi li, sa fejn jistgħu jwasslu, jħaffu t-terren ta' din il-kawża:—

(1) Meta l-konvenut Mifsud, li kien xtara l-mutur bil-patt tar-"riservato dominio" favur l-attur, iddispona minnu favur il-konvenuti Borg u Deguara, huwa rrenda ruħu ħati għall-finijiet ta' din il-kawża, mhux ta' serq proprju ("furto") tal-mutur imma tar-reat ta' "appropriazzjoni indebita" kontemplat fl-art. 307 tal-Kodiċi Kriminali.

(2) Kwindi ma japplikax favur l-attur l-art. 596 tal-Kodiċi Ċivili fis-sens li hu jista' dejjem jirrivendika l-"motor-cycle" mingħand Borg u Deguara, bl-indennizz jew mingħajru, skond jekk jew le huma akkwistawhx mhux biss in buona fede, imma anki b'titolu oneruż mingħand il-verosimili proprjetarju, għax dik id-dispożizzjoni timmilita biss favur min ikun tilef il-ħaġa mobbli jew ġie misruq minnha, interpretat dan il-vokabolu "misruq" fis-sens ristrett ta' "furto proprio".

(3) Kif għalmet l-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza, b'riferenza għas-sentenza antecedenti pubblikata fil-Vol XXXII, ii, 630–631, l-importanza ta' l-art. 596 hija biss (a) li l-buona fede tal-possessur ma hi ta' ebda ostakolu għar-rivendika tal-ħaġa li tkun mitlufa jew misruqa, u (b) li l-assenza tal-buona fede tista' biss tinfluwixxi, f'dawn iż-żewġ każijiet, fuq l-obligazzjoni tal-proprjetarju rivendikanti għall-indennizz. Minn naħa l-oħra, fil-każ ta' oġġetti mhux mitlufa jew misruqa (bħal "motor-cycle" in kwistjoni) il-buona fede tat-terz possesur, li tagħtih titolu tajjeb skond l-art. 595 Kodiċi Ċivili, tneħħi għal kollox id-dritt tar-rivendika tas-sid, anki jekk il-possessur ikun akkwista l-ħaġa b'titolu gratwitu, u anki jekk kien negliġenza fil-mod ta' l-akkwist, sakemm dik in-negliġenza ma tasalx sal-punt li tisvestih mill-buona fede li għaliha għandu presunzjoni favur tiegħu (art. 569 Kod. Ċiv.).

Illi però, sa hawnhekk biss, u mhux oltre, tista' tasal ir-rilevanza tas-sentenza **Petroni vs. Fenech** għal dan il-każ. Għalkemm il-buona fede hija tal-essenza tal-kwistjoni anki f'dik il-kawża, kif kienet f'dik l-oħra, il-kawża preżenti mhijiex "pari casu" magħha, u trid tiġi distinta minnha, kif tajjeb issottometta d-difensur ta' l-attur minħabba ċirkostanza partikolari li tirrikorri f'dan il-każ, u ċjoè, **in-nuqqas ta' skrittura** fit-trasferiment li sar bejn il-konvenuti Mifsud u l-konvenuti Borg u Deguara. Il-każ **Petroni vs. Fenech** kien jittratta

minn bejgħ ta' "refrigerator" li għalih il-liġi ma timponix il-formalità speċjali li timponi għall-akkwist ta' vejkoli bil-mutur

Illi ferm iżjed viċina u rilevanti għall-meritu ta' din il-kawża hija s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Harry Falzon proprio et nomine vs. Carmelo Tanti**", deċiża fis-7 ta' Diċembru, 1956 u pubblikata fil-Vol. XL, i, 583 li ġiet segwita f'każijiet simili diversi drabi mill-Qorti ta' l-ewwel stanza, u mill-Imħallef sedenti fil-kawża fl-ismijiet "**Caruana vs. Bonnett**" deċiża fit-12 ta' Diċembru, 1963. Fil-kawża Falzon vs. Tanti, meta karozza kienet inxtrat mingħajr skrittura u l-venditur talabha lura mingħand il-kompratur, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddeċidiet, in vista ta' l-art. 57 u 60 tal-liġi tal-Boll (Kap. 68) li fil-każ ta' kwalunkwe trasferiment ta' "motor car" (f'liema espressjoni jidħol indubbjament skond l-art. 4 tal-Kap. 105 "motor-cycle" (1) il-formalità ta' l-iskrittura mhijiex rikjesta sempliċement "ad probationem" imma "ad substantiam et validitatem"; (2) il-konvenzjoni bla skrittura, (a differenza mill-każ tas-sempliċi nuqqas tal-boll fuq skrittura, li jista' jiġi rimedjat) ma tistax tiswa biex issostni azzjoni; (3) li dan mhux każ ta' annullabilità imma ta' nullità jew inesistenza "ipso jure" li għaliha ma hemmx bżonn ta' ebda dikjarazzjoni jew azzjoni speċjali (Vol. XXIX, i, 452); u dan huwa ta' importanza deċisiva f'dan il-każ (4) li għalkemm tkun saret konvenzjoni verbali, in-nuqqas ta' l-iskrittura ordnata mill-liġi "ad validitatem" tiddistruġġi l-preżunzjoni tal-buona fede fl-akwirent, għaliex hi massima fondamentali li kull persuna hija presunta li taf il-liġi, u kwindi l-konvenut f'dik il-kawża kien imissu jaf li ma kien qiegħed jakkwista xejn, u konsegwentement il-pussess tiegħu kien in **mala fede**. Din il-konklużjoni ġiet fil-fatt sostnuta wkoll biċ-ċitazzjoni tal-ġurisprudenza taljana konformi "in pari materia".

Illi l-Qorti ma ssib assolutament ebda raġuni biex tiskos-

ta ruħha minn din il-ġurisprudenza.

Illi jekk, kif ġie deċiż f'dik il-kawża, il-konvenzjoni bla skrittura ma tistax tiswa biex issostni azzjoni, lanqas ma sservi biex issostni eċċezzjoni, għaliex il-konvenuti Borg u Deguara qegħdin jopponu l-azzjoni ta' l-attur bl-eċċezzjoni ta' l-akkwist in buona fede, u "reus in excipiendo fit actor".

Illi għalhekk fl-ispeċji, il-Qorti trid tipprexxindi mill-prova taċ-ċirkostanzi jew indizji oħra ta' l-eżistenza o meno talbuona fede, u l-prova magħmulha mill-attur, permezz tad-depożizzjoni tal-konvenuti li ma saritx skrittura, hija per se sufficjenti biex il-Qorti ssibhom in mala fede fl-akkwist u l-pussess tagħhom. Anzi kif tajjeb issottometta wkoll id-difensur ta' l-attur, lanqas ma huwa proprjament il-każ li l-konvenuti jakkampaw akkwist in buona fede meta l-akkwist tagħhom huwa effettivament ineżistenti. Biex ikunu jistgħu jissollevaw il-linja ta' difiża tal-buona fede tagħhom, huma għandhom qabel xejn jippruvaw li għamlu akkwist, u dana ma għamluhx. Għalhekk il-pussess attwali tagħhom huwa in mala fede, għalhekk l-art. 595 tal-Kodiċi Ċivili ma jiswihomx u għalhekk l-attur, li fl-istess ħin qatt ma tilef il-proprjetà fil-konfront mal-konvenut Mifsud, huwa intitolat jitlobhom lura l-"motorcycle" taħt l-art. 359 Kodiċi Ċivili li jiddisponi li s-sid tal-ħaġa għandu l-jedd jitlobha lura mingħand kull pussessur. Din iddispożizzjoni hija r-regola ġenerali li nerġgħu nidħlu fiha immedjatament malli l-konvenuti jiġi destitwiti mill-buona fede għall-finijiet ta' l-art. 595, li huwa eċċezzjoni għal din ir-regola.

Illi l-premess jidher li jiddisponi mill-kontestazzjonijiet kollha fil-meritu tal-konvenuti Mifsud, Borg u Deguara. Dawn l-aħħar tnejn għandhom jimputaw lilhom innifishom kull telf li jistgħu jsofru mill-fatt li ħallew il-mutur tagħhom u £60 f'idejn il-konvenut Mifsud mingħajr il-formalità rikjesta mill-liġi, formalità li, apparti l-presunzjoni li ġejja mir-regola "ig-

norantia legis neminem excusat" hija llum biżżejjed divulgata fil-pajjiż għax *ilha sseħħ mill-1951.*

Illi kwantu għall-osservazzjoni tal-konvenut De Gray li l-persuna indikata fis-sentenza għandha tirriforma ruħha bil-mar-regolament Nru. 25 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, dana r-regolament jobbliga lit-trasferiment ta' veikolu bil-mutur li fi żmien sebat ijiem javża lill-Kummissarju tal-Puilizija, bl-isem u bl-indirizz ta' l-akwirenti, u lil dan ta' l-aħħar *biex, fl-istess perijodu,* jitlob it-"transfer" tal-liċenzja favur tiegħu. Iżda huwa intuitiv li dan ir-regolament ma japplikax għall-każ in ispeċji, għax dak li sar meta l-"motor-cycle ġiet reġistrata f'isem il-konvenut Mifsud kien sempliċi akkomodament li l-konvenut De Gray aċċetta għax ried hu stante li skond l-imsemmi regolament il-liċenzja timxi mal-proprjetà; u b'din is-sentenza ma hu qed jiġi operat ebda trasferiment lura ta' proprjetà ta' "motor-cycle" mill-konvenut Mifsud għall-attur għax anzi l-proprjetà baqgħet dejjem ta' l-attur, imma qiegħed sempliċement jiġi rikonoxxut id-dritt ta' l-attur u l-liċenzja terġa' ddur f'ismu, riserva li huwa kien għamel a tempo debito, jekk mhux espliċitament almenu impliċitament (depożizzjoni Spettur Grech) u li l-konvenut De Gray kien avżat biha u, kif fuq intqal, aċċetta.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta u tiddeċiedi din il-kawża adesivament għall-istanzi ta' l-attur billi:—

1) tiddikjara li l-konvenut Mifsud iddekada minn kull dritt ta' pussess u użu tal-"motor-cycle Super Flash B.S.A.", Numru 14984;

2) tiddikjara li l-proprjetà ta' l-istess "motor-cycle" kienet u għada sal-llum ta' l-attur nomine;

3) *tikkundanna lill-konvenuti* Borg u Deguara jikkon-

senjaw l-imsemmi "motor-cycle" lill-attur nomine u, wara li rat l-art, 220 tal-Kodiċi Proċedura Ċivili, tipprefiġġilhom żmien tmint ijiem biex jesegwixxu dana l-ordni;

4) prevju in riġett ta' l-eċċezzjoni minnu opposta dwar li l-attur għandu juniforma ruħu mar-regolament numru 25 fuq imsemmi, tordna lill-konvenut De Gray nomine biex fi żmien tlitt (3) ijiem jagħmel dak kollu li huwa mitlub fid-domanda diretta kontra tiegħu fiċ-ċitazzjoni, kollox skond it-termini ta' dik id-domanda;

L-ispejjeż, sa fejn mhux ġa deċiżi għandhom jitħallsu bil-mod segwenti:—

1) Dawk ta' l-ewwel dikjarazzjoni kontenuta fid-dispożitiv ta' din is-sentenza għandhom jitħallsu fil-konfront ta' l-attur mill-konvenut Mifsud, u fil-konfront tal-konvenuti l-oħra mill-attur, salvo d-dritt ta' rivalsa tiegħu kontra l-konvenut Mifsud anki f'dan ir-rigward;

2) Dawk tat-tieni dikjarazzjoni kontenuta f'dan id-dispożitiv, in kwantu jirrigwardaw l-opposizzjoni magħmulha għal din d-dikjarazzjoni mill-konvenut Mifsud jitħallsu minnu fil-konfront ta' l-attur u mill-attur fil-konfront tal-konvenuti l-oħra, salvo wkoll id-dritt tar-rivalsa ta' l-attur kontra l-konvenut Mifsud f'dan ir-rigward, b'dan li dawn l-ispejjeż, involuti mid-dikjarazzjoni l-oħra, kontenuta fil-korp tas-sentenza, li l-konvenut Mifsud ma ħallasx il-prezz tal-mutur, ikunu taxxabbli in vista tal-fatti minnu stess dikjarati, bħal fil-każ ta' non-opponenti; u in kwantu jirrigwardaw l-oppożizzjoni magħmulha għal din id-dikjarazzjoni mill-konvenuti Borg u Deguara li n-neċessità tad-dikjarazzjoni l-oħra kontenuta fil-korp tas-sentenza li huma m'għandhomx titolu ta' proprjetà għall-"motor-cycle", jitħallsu kollha mill-konvenuti Borg u Deguara, barra milli fil-konfront mal-konvenut Mifsud fejn

għandhom jibqgħu bla taxxa.

3) Dawk tal-kundanna tal-konvenuti Borg u Deguara għall-restituzzjoni jitħallsu wkoll kollha minnhom, barra milli fil-konfront mal-konvenut *Mifsud*, fejn *għandhom jibqgħu* bla taxxa;

4) Dawk relativi għall-ordni mogħti lill-konvenut De Gray nomine għandhom jitħallsu fil-konfront ta' l-attur tlett kwarti (¾) *mill-konvenut Mifsud u kwart* (¼) mill-konvenuti Borg u Deguara bejniethom, u fil-konfront tal-konvenut De Gray għandhom jitħallsu mill-attur, salv id-dritt tiegħu li jir-repetihom mill-konvenuti l-oħra fil-proporzjonijiet fuq imsemmija, barra minn dawk relativi għad-dikjarazzjoni tan-non-applikabilità tar-regolament Nru. 25 li għandu jbagħtihom kollha *l-konvenut De Gray nomine stess, peress li kien hu li* pprovokahom.

Jibqgħu riservati favur l-attur nomine kull dritt u azzjoni oħra lilu kompetenti skond il-liġi. U b'hekk il-Qorti tponi fini għall-kawża *f'dina l-istanza*.